**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru, 2015**

**Talba Nru: 663/15 DMA**

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Frendo Paula-Claire**
**ID. 240694M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Awissu, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tghati lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn sitt mija u sebghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€2,670.43) in kwantu ghal disa' mija u tlieta u sittin ewro u disgha u tletin centezmu (€963.39) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40098756) u elf seba' mija u sebgha ewro u erba' centezmi (€1,707.04) in konnessjoni ma' PC with Home Pack Bundle (AC40157255).

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Il-konvenuta dehret u ammettiet it-talba pero' talbet illi l-ammont ta' elfejn sitt mija u sebghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€2,670.43) thallashom b'rati mensili ta' mitejn ewro (€200).

In vista ta' dan it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundana lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn sitt mija u sebghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€2,670.43) lis-socjeta' attrici b'rati mensili ta' mitejn ewro (€200) pagabbli  kull l-ewwel (1) tax-xahar bl-ewwel pagament ikun fl-1 ta' Novembru, 2015.

B'dan pero' kemm il darba l-konevnuta tonqos li thallas zewg pagamenti konsekuttivi allura s-socjeta' attrici jkollha d-dritt li titlob il-bilanc rimanenti f'ammont wiehed.

Spejjez u drittijiet ikunu a karigu tal-konvenuta.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**